MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 354/2009

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Mejju 2003, li fis-17 ta' April 2003 twieldet it-tifla Anisa; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d], dak ta' l-intimat fit-termini tal-paragrafu [f], u dak ta' l-attrici fit-termini tal-paragrafu [c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null; u ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, kif ukoll sabiex l-attrici tigi awtorizzata tirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut debitament ingunt ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-3 ta' Mejju 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina Maltija, izzewget lill-konvenut, cittadin Libjan, fit-3 ta' Mejju 2003 wara li dawn kienu ilhom johorgu flimkien ghal circa sena u nofs, li minnhom ghamlu xi zmien jikkoabitaw fimkien.

Illi matul iz-zmien li l-partijiet kienu johorgu flimkien, kien ikollhom relazzjonijiet intimi li, bi ftehim bejniethom, kien isir bi prekawzjoni minn naha tal-konvenut billi juza l-metodu ta' l-irtirar; izda l-attrici xorta wahda kienet harget tqila, u fis-17 ta' April 2003, hija weldet it-tifla Anisa. Dwar l-ahbar tat-tqala, l-attrici tghid: "C ma hadhiex bi kbira ghax qal li ghamilha ghal ta' l-apposta biex ma jitlifnix, ghax xtaq familja mieghi. Kien ferhan hafna b' din l-ahbar."[1]

L-attrici tispjega li fiz-zmien tal-gherusija hija kienet diga' konxja tal-fatt li lill-konvenut ma setghetx tafdah. Tghid li hu ma kellux kontroll fuqu nnifsu fuq il-hrug u fuq ix-xorb; kien jizfen ma' tfajliet ohra, u skopriet ukoll li okkazzjoni minnhom kien qatta' lejl ma' l-ex tfajla tieghu. Minnhabba f' hekk huma kienu jiggieldu hafna. Kienet ukoll indunat li l-konvenut kien jibghat hafna smses, u kellha suspetti li, anke f' dak l-istadju ma kienx fidil lejha; izda ma' dan

[1] Fol.32

kollu hija xorta wahda ghaddset rasha u zzewget il-konvenut, gimghatejn wara t-twelid tat-tifla, unikament biex it-tifla titrabba f' ambjent ta' familja fejn ikollha l-prezenza ta' missierha.

Tghid: "Kien wasal iz-zmien li titwieled it-tarbija, u l-uniku mezz biex itawlulu l-viza kienet li nuru d-dokumenti li konna ser nizzewgu. Kontra qalbi accettajt li nizzewgu ghax ma xtaqx li t-tarbija ma tkunx taf lil missierha, u hu kien kuntent hafna bit-tarbija."[2]

Illi ftit xhur wara z-zwieg l-attrici skopriet li l-konvenut kien qed jiffrekwenta nisa ohra. Hu ma kienx ried jorqghod aktar fil-kamra tas-sodda ma' l-attrici, izda kien imur jorqghod fil-living room. Tghid: "Darba qomt u nzilt isfel biex nghamel bottle lit-tifla, u ma sibtux hemm, kien barra, u meta cempilt ma wegibx. X' hin gie lura d-dar f' xi sitta [6.00 am] ta' filghodu qalli li mar jghum."[3]

L-attrici ssemmi okkazzjoni meta l-konvenut gie lura d-dar fis-7.00 am, u fil-but tal-libsa sabitlu qalziet ta' taht tan-nisa.

Illi, hekk kif il-konvenut gab il-karta ta' l-identita' Maltija u ghalhekk kien irregolarizza l-pozizzjoni tieghu f' Malta, huwa biddel l-atteggjament tieghu kompletament fil-konfront ta' l-attrici, fis-sens li beda jerfa' idejh fuqha u jsawwatha jekk din tonqos milli tagmel dak li ried hu; wkoll kien biered fil-konfront taghha.

Huwa ma kienx jghin lill-attrici fit-trobbija tat-tifla, u lanqas kien jghinha finanzjarjament, anke meta kien beda jahdem b' mod regolari.

L-attrici tispjega li l-vjolenza li kienet issubiet minn naha tal-konvenut, waqt il-konvivenza matrimonjali wassalha sabiex tissepara minn mieghu. Hija ssemmi l-okkazzjoni meta kien taha xebgha kbira tant li kienu ntervjenew il-pulizija, arrestawh u ressquh quddiem il-Qorti tal-

[2] Fol.32
[3] Fol.33

Magistrati mixli bir-reat ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' martu

Eventwalment il-partijiet isseparaw.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, stante li, ghalkemm il-konvenut esternament ghadda minn cerimonja ta' zwieg ma' l-attrici, izda nternament, u b' att pozittiv tal-volonta' tieghu, huwa eskluda obbligi essenzjali taz-zwieg, u senjatament dawk naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Mill-provi jirrizulta car li l-konvenut ma kellux l-intenzjoni li jghix il-hajja konjugali ma' l-attrici; u li ghalih din kienet biss mezz sabiex jakkwista status fil-pajjiz.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-3 ta' Mejju 2003.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------